

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Taħriġ Tal-professjonisti Tal-ġustizzja](#) > [Sistemi Nazzjonali Ta' Taħriġ](#) > [Sistemi tat-taħriġ tal-persunal tal-qorti](#)

## Sistemi tat-taħriġ tal-persunal tal-qorti

Il-Ministeri tal-Ġustizzja u l-qorti nazzjonali huma l-organizzaturi ewlenin tat-taħriġ tal-persunal tal-qorti fl-Istati Membri tal-UE. Fi Stati Membri oħra dan il-kompitu jitwettaq mill-akkademji ġudizzjarji jew mill-istrutturi ġudizzjarji bħall-Kunsilli u l-Uffiċċji tal-Prosekuturi.

Din hija l-informazzjoni li tirrigwarda l-istrutturi nkarigati mit-taħriġ tal-persunal tal-qorti fl-Istati Membri tal-UE:

- [Il-Belġju](#) (147 Kb):  
It-taħriġ huwa organizzat mill-[Ministeru Federali tal-Ġustizzja](#) iżda pprovdut minn żewġ [strutturi tas-settur pubbliku](#).
- [Il-Bulgarija](#) (148 Kb):  
Il-Kunsill Ġudizzjarju Suprem u l-[Kummissjoni tal-Istat dwar is-Sigurtà tal-Infurmazzjoni](#) huma responsabbli biex jorganizzaw it-taħriġ. It-taħriġ jitwettaq minn taħlita ta' strutturi pubbliċi, privati u Ewropej
- Ir-Repubblika Ċeka:  
Il-qorti, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u l-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) huma responsabbli għat-taħriġ tal-[assistenti ġudizzjarji](#) (148 Kb), [l-iskrivani tal-qorti superjuri](#) (147 Kb), u [l-apprendisti ġudizzjarji](#) (147 Kb). It-taħriġ tipprovdih l-[Akkademja Ġudizzjarja](#).
- [Id-Danimarka](#) (138 Kb):  
L-[Amministrazzjoni tal-Qorti tad-Danimarka](#) hija responsabbli biex torganizza t-taħriġ li jingħata mid-[Domstolsstyrelsen](#).
- Il-Ġermanja:  
Fil-Bavarja, il-[Ministeru Reġjonali tal-Ġustizzja](#) huwa responsabbli biex jorganizza t-taħriġ tal-[bailiffs](#) (145 Kb) u tal-[persunal tas-sigurtà](#) (150 Kb). It-taħriġ jipprovduh il-fornituri tat-taħriġ reġjonali u l-qorti. F'[Berlin](#) (144 Kb), min-naħa l-oħra, l-organizzazzjoni u l-forniment tat-taħriġ huwa f'idejn il-Qorti tal-Appell. Fi [Brandenburg](#) (142 Kb), il-qorti reġjonali hija responsabbli biex torganizza t-taħriġ. Hija tipprovdi wkoll taħriġ b'[kollaborazzjoni mal-Akkademja tal-Ġustizzja](#) reġjonali.
- [L-Estonja](#) (141 Kb):  
Il-[Ministeru Nazzjonali tal-Ġustizzja](#) huwa responsabbli għall-organizzazzjoni tat-taħriġ b'[kollaborazzjoni mal-qorti](#).
- [L-Irlanda](#) (145 Kb):  
[Is-servizzi tal-qorti](#) huma responsabbli biex jorganizzaw it-taħriġ, li jfornuh taħlita ta' strutturi pubbliċi u privati.
- [Il-Greċja](#) (143 Kb):  
It-taħriġ tipprovdih [struttura pubblika](#).
- [Spanja](#) (147 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-[Ministeru tal-Ġustizzja](#), minn [fornitur pubbliku tat-taħriġ](#) u minn entitajiet oħra.
- Franza:  
It-taħriġ tal-[uffiċjali tal-qorti](#) (146 Kb), [l-assistenti amministrattivi](#) (144 Kb), [l-uffiċjali amministrattivi](#) (144 Kb), [l-iskrivani tal-qorti](#) (146 Kb) u [l-assistenti tekniċi](#) (144 Kb) huwa organizzat mill-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) u tipprovdih l-["Ecole Nationale des Greffes"](#).

- [Il-Kroazja](#) (147 Kb):  
Il-Kunsill Ġudizzjarju tal-Istat huwa responsabbli biex jorganizza t-taħriġ li jingħata mill-[Akkademja Ġudizzjarja tal-Kroazja](#).
- [L-Italja](#) (145 Kb):  
Il-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) Nazzjonali huwa responsabbli kemm għall-organizzazzjoni kif ukoll għall-forniment tat-taħriġ.
- [Il-Latvja](#) (145 Kb):  
L-Amministrazzjoni tal-Qorti torganizza t-taħriġ tal-persunal tal-qorti, li hija twassal b'kollaborazzjoni maċ-[Ċentru ta' Taħriġ Ġudizzjarju Latvjan](#).
- [Il-Litwanja](#) (155 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti fil-Litwanja huwa organizzat mid-Dipartiment tas-Servizz Pubbliku u mill-[Ministru tal-Intern](#). Il-fornituri tat-taħriġ huma l-qrati nazzjonali.
- [Il-Lussemburgu](#) (144 Kb):  
L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku huwa nkarigat mill-organizzazzjoni tat-taħriġ, li jingħata mill-[fornitur nazzjonali tat-taħriġ](#).
- L-Ungerija:  
L-Uffiċċju [Nazzjonali tal-Ġudikatura](#) u l-qrati ta' ħatra huma responsabbli biex jorganizzaw it-taħriġ tal-[iskrivani](#) (144 Kb), [is-segretarji ġudizzjarj](#) (138 Kb), [il-ħaddiema manwali](#) (138 Kb) u [l-apprendisti](#) (141 Kb). L-[Akkademja tal-Ġustizzja Ungeriża](#), xi drabi b'kollaborazzjoni mal-qrati ta' ħatra, hija l-fornitur tat-taħriġ.
- [Malta](#) (160 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-qrati lokali u jingħata mill-istrutturi pubbliċi.
- [In-Netherlands](#) (141 Kb):  
Il-Kunsill [tal-Ġudikatura](#) huwa responsabbli biex jorganizza t-taħriġ, li jingħata mill-[fornitur nazzjonali tat-taħriġ](#) b'kollaborazzjoni mal-qrati lokali.
- [l-Awstrija](#) (144 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-[Ministeru Federali tal-Ġustizzja](#) u jipprovdi dan tal-aħħar b'kollaborazzjoni mal-Presidenzi tal-erba' Qrati tal-Appell.
- [Il-Polonja](#) (157 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-qrati lokali u jingħata mill-istrutturi pubbliċi: il-qrati nazzjonali, [l-Iskola Nazzjonali tal-Ġudikatura](#) u l-Prosekuzzjoni Pubblika
- [Il-Portugall](#) (144 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) Nazzjonali.
- [Ir-Rumanija](#) (617 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-[Ministeru tal-Ġustizzja](#), mill-Uffiċċju tal-Prosekutur, mill-[Kunsill Suprem tal-Maġistratura](#) u mill-[Iskola Nazzjonali tal-Iskrivani tal-Qorti](#). It-taħriġ jipprovduh diversi strutturi pubbliċi.
- [Is-Slovenja](#) (149 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat miċ-[Ċentru għat-Taħriġ Ġudizzjarju](#).
- [Is-Slovakkja](#) (152 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-[Ministeru tal-Ġustizzja](#) permezz tal-[Akkademja Ġudizzjarja](#).
- [Il-Finlandja](#) (139 Kb):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill- [Ministeru tal-Ġustizzja](#) b'kollaborazzjoni mal-qrati.
- [L-Iżvezja](#) (441 KB):  
It-taħriġ tal-persunal tal-qorti huwa organizzat mill-[qrati lokali](#) u minn [fornitur tat-taħriġ nazzjonali](#). Il-qrati lokali huma responsabbli biex jagħtu t-taħriġ.

L-aħħar aġġornament: 01/02/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.